# GĦAQDA ĦBIEB KAPPELLI MALTIN

Ħbieb il-Kappelli Maltin


*PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta*
*e-mail: kappellimaltihbieb@gmail.com*
*Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin*



Ġunju 2020

Ħarġa Nru 5


Kumitat 2020

President
Adrian Schinas

Viċi-President
Valent Xuereb

Segretarju
Nardu Agius

Asst. Segretarju u PRO
Norbert Gingell

**Teżorier**
Godfrey Mangion

**Assistent Teżorier**
Angele Xuereb

Attivitajiet li l-Kumitat **qed jaħdem u jippjana għax xhur li ġejjin** (*jistgħu jinbiddlu skont iċ-ċirkostanzi*:)

Ġunju

- Kappelli fil-lokalita' tan-Naxxar_ POSPOSTA

I nħeġġu l-Membri u ħbieb biex iżuru wkoll is-sit www.kappellimaltin.com għal aktar informazzjoni fid-dettal dwar il-kappelli u informazzjoni relatata

## KAPPELLA TA' KEMMUNA — IR-RITORN MILL-EĠITTU

L-ewwel indikazzjonijiet ta' kappella fuq Kemmuna ġejjin minn mappa antika ta' nofs is-seklu tlettax u kitba tal-1290. Li nafu ċert hu li wara l-knisja hemm żewġ għerien. Iż-żgħir ibblokkat iżda l-kbir aċċissibli. Jidher li tħaffer f'forma ovali b' mod mirqum. Is-saqaf maqtugħ donnu troll u l- art baxxa xi metru taħt il- livell ta' barra.

Maż-żmien tkabbar billi tħaffru żewġ absidi oħra. Meta ma baqax jintuża bhala knisja żdiedu ħitan tas-sejjiegħ baxxi bejn l-absidi u numru ta' ħwat. Probabilment ntuża biex


Ritratt:Google Images

jinżammu l-annimali. Madankollu għadhom jidhru mnaqqxin tlett slaleb Latini u faxx dekorattiv idawwar il-ġnub tal- għar.

Minħabba l-furbani il-gżira għamlet żmien abbandunata. Fl-1618 il- granmastru Wignacourt bena t-torri ta' Santa Marija fuq Kemmuna. Bil- wens tat-torri r-raħħala reġgħu marru u dlonk bnew kappella dedikata lil Santa Marija mtellgħa s-sema. Din ġiet profanata mill-isqof Bueno. Fl-1716 ir-raħħala irranġawha u kabbruha. Ġiet ikkonsagrata mill-isqof Cannaves fl-istess sena. Din id-darba ġiet dedikata għar-ritorn tas-Sagra Familja mill-Eġittu peress li kien hemm devozzjoni kbira lejn dan l-episodju mill-ħajja tal-Madonna.

Wara zuntier baxx aktar mill-livell tat-triq, naraw faċċata wiesgħa rettangolari b' erba' mwieżeb. Il-bieb jinstab fin-nofs. Ftit fil-għoli hemm tieqa fuq kull naħa. Fuq nsibu kampnar magħmul minn tlett ħnejjiet b' salib tal-ġebel fuq dik tan-nofs.

Meta tidħol trid tinżel tlett


*L-Artal Maġġur (Google Images)*

tarġiet. Biex issib l-artal trid iddur lejn ix-xellug għax mhux qiegħed faċċata tal-bieb. L-artal jinstab wara grada tal-injam - l-unika waħda li għadha teżisti f'Malta. Il-kappella mibnija fuq tlett kampati, b'waħda minnhom wara l-grada. Is-saqaf huwa arkat għall- ponta bix-xewkiet jiltaqgħu ma' linja waħda li tmur tul il- kappella.

It-titular attribwit lil Franċesco Zahra - jew l-iskola tiegħu. Jurina lill-Madonna tmexxi lil Ġesu. Hemm San Ġużepp, anġli u xi tfal jiskantaw b' din ix-xena. F'din il-kappella jinżamm kalċi li ġej minn żmien il-kavallieri. Nsibu wkoll statwi tal-Qalb ta' Ġesu, tal-Madonna u ta' San Ġużepp bit-tfajjel Ġesu.

*Ħajr: Kappellimaltin.com*


*It-Titular (Google Images)*

# KAPPELLA FIL-BINI TAS-SOĊJETA MALTIJA TAL-ARTI, BELT VALLETTA

Il-kappella li tinstab fil-Palazzo de La Salle hija waħda mill-ewwel eżempji ta' kappelli gewwa residenzi privati fil-belt Valletta.



*Artal Maġġur*

L-artal ta' din il- kappella ġej mis-seklu 17. Il-ħajt pjuttost dejjaq ta' wara l-artal prinċipali huwa opra ta' skultura, lavur, pittura u indurar. Wara l-artal mdaħħla fil ħajt hemm niċċa msaqqfa b'arkata nofs tond. Fiha kemm kwadru li jista jilqa t-titular. Fuqu hemm żewġ put-tini ndurati jżommu arma b' kuruna fuqha. Żewg xkafef, waħda fuq kull ġenb, jorbtu il-faccata tal-artal mal-ġnub.




**Anton Inglott**

In-naħa ta' fuq tal-ħitan hemm fregju, mis-seklu 18, biż-żebgħa taż-żejt fuq il-ġebla. Dan iċ-ċiklu juri xeni mill-ħajja ta' San Ġwann. Fih jidhru żewġ armi. Waħda hija ta' Fra Guillaume de La Salle li kien wieħed mis-sidien tal-Palazz. L-oħra hija ta' Manoel de Vilhena, peress li l-propjeta għaddiet għand l-Ordni meta hu kien Gran-mastru. Dan ix-xogħol huwa mportanti għaliex għalkemm pittura biż-żebgħa taż-żejt kienet popolari ħafna ftit li xejn fadal eżempji minnha ġewwa residenzi f' Malta.



***Qalb ta' Ġesu—E. Cremona***

Il-kappella kienet ingħalqet għall-pubbliku kmieni fis-seklu 20. Dan l-aħħar sar fiha restawr estensiv mid-dipartiment tal-Konservazzjoni u Wirt Mibni tal-Universita'. Għaldaqstant reġġhet infetħet u nistgħu ngawdu u napprezzaw l-opri storiċi li fiha.

Għaldaqstant reġġhet infetħet u nistgħu ngawdu u napprezzaw l-opri storiċi li fiha llum fil-kappella għandna nsibu l-aqwa eżempji ta' xogħlijiet reliġjuzi mill-kollezzjoni tas-Soċjeta tal-Arti. Fost oħrajn hemm xogħlijiet ta' Sciortino, Alden u Bonnici. Fuq l-artal principali hemm *"Er Cor Jesu - Quod Homine Tantopere Amavit"* (c. 1943) ta' Anton Inglott. Dan ix-xogħol kien ġie ordnat mill-istudenti tal-arti biex jagħtuh rigal lis-Soċjeta tagħhom. Fuq ġenb tal-kappella hemm il-"*Qalb ta' Ġesu*" (1952) ta' Emvin Cremona. Dan ix-xogħol kien ġie kommissjonat mis-Soċjeta wara kompetizzjoni pubblika u kien intenzjonat li jieħu post ix- xogħol ta' Inglott fil-100 anniversarju tat-twaqqif tas-Soċjeta fl-1952. Fuq il-faċċata l-oħra hemm "*Madonna - Magnificat Anima Mea Dominum*" ta' Ġanni Vella.

*Kitba: MSA*



*Madonna—G.Vella*

*Informazzjoni: MSA* *Ritratti:N Gingell*

# IL-KAPPELLA TA' SAN PAWL L-EREMITA, MOSTA



Minn fuq il-pont tal-Mosta u Dawret il-Wied, wieħed jista jilmaħ kappella ħelwa. Il-pożizzjoni tagħha, mkennija minn għar fl-irdum ta' Wied il-Għasel jagħmluha unika f' Malta. L-istorja ta' din il-kappella marbuta ma' leġġenda miktuba minn patri fis-seklu 18

Din il-leġġenda titkellem dwar eremit li kien joqgħod ġo grotta li hemm fil-ghar. F'din il-grotta hemm għajn tnixxi l-ilma. L-eremit tkeċċa minn hemm. Dawk li keċċewh wara nidmu. Bnew kappella li ddedikaw lil San Pawl, l-ewwel eremit li kien jgħix fir-raba' seklu.

Illum il-grotta tidhol ghaliha minn bieb fil-kappella. Fiha altar u kwadru tal-Madonna tal-Grazzja bil-bambin, anġli u erwieh tal-purgatorju. L-ilma tal-għajn iqattar f'serje ta' tlett iħwat. Wara li jfur it-tielet ħawt l-ilma jgħaddi minn kanal biex jasal f'ħawt ieħor fuq ix-xellug tal-bieb barra mill-kappella. Minn hawn wieħed jista jieħu l-ilma anka meta il-kappella tkun magħluqa. L-ilma li jifdal jkompli trieqtu lejn il-bir.

Il-kappella mibnjia fuq pjanta rettangolari. Is-saqaf troll iserraħ fuq gwarniċi fuq il-ħitan tal-ġnub. L-altar tal-irħam qieghed fuq tarġa għola mill-kumplament tal- kappella. Fuqu hemm pittura ta' San Pawl eremit ma' Sant Anton Abbati. Tidher ukoll tajra sewda assoċjata ma' San Pawl. Dan il- kwadru huwa kopja fidila tal-oriġinal li wara li nstab fl-1988 - ghax kien insteraq - beda jinżamm fir-Rotunda.



Minn barra, l-bejt jidher li għandu il-qlib għax-xita. Għalkemm mingħajr qanpiena, hemm kampnar. Taħtu hemm okulus, entablatura żgħira, imbgħad il-bieb. Hemm tieqa fuq kull naħa tal-bieb li minnhom jistgħu jittawlu ġewwa meta l-kappella tkun magħluqa. L aperturi ta' din il-faċċata għandhom gwarniċ sempliċi tal-ġebel. Il-faċċata l-oħra hija rettangolari. Fiha bieb bl-arkata li minnu tidher il-grotta.

F' tarf iz-zuntier insibu basso riljev li juri lil San Ġwann Battista, San Pawl Eremita u San Anton Abbati. Qabel kien hemm tlett statwi ta' dawn il-qaddisin. Kienu inġħataw rigal mill-kavallier von Guttenberg, iżda dawn ġew vandalizzati.

Qabel l-għoxrinijiet tas-seklu l-ieħor kont tista' tinżel minn trejqa. Din intradmet meta tħaffru l-imħażen tal-fortizza. Illum tista' tilħaq il-kappella billi taqsam il- wied, mibasta mhux wara x- xita.

*Ħajr: Anton Spiteri u Ray Grech*

*Ritratti ta' Ray Grech u John Spiteri Gingell*



*Kappella minn ġewwa*



***Titular : San Pawl Eremita ma'***
*San Anton Abbati*



*Madonna tal-Grazzja*

# IL-KAPPELLA TA' SANT' ANNA, FIL-PWALES / IMBORDIN



Hemm x'juri li l-kappella tal-Pwales inbniet fis-seklu 13 minn Gian Lorenzo Galea. Oriġinarjament kienet dedikata lit-Twelid tal-Madonna u kienet magħrufa bħala Tal- Vitorja. Hekk kienet meta żarha Dusina fil-1575, u hekk baqgħet sa tmiem is seklu 18.

Għalkemm tinsab f'xenarju li jsaħħar mhux kollox kien ward u żahar għal din il-kappella. Fil-1672 kellha terġa tinbena mid-Djaknu Giovanni Vincenzo Galea għax aktar qabel kienet ġiet profanata. Fl-1731 reġgħat giet profanata minħabba l-istat ħazin li kienet fih. Il-kappella reġgħet tbierket u nfetħet fl-1771.

Fl-1798 daħlu fil-kappella xi truppi Franċiżi u għamlu ħerba. Fost il-ħsara li għamlu tertqu t-titular tal-Vitorja bil-bajunetti. Min kien inkariġat neħħa il-kwadru u floku poġġa wieħed ta' Sant' Anna u San Ġwakkin. Minn hemm il-quddiem saret magħrufa bħala Il-Kappella ta' Sant' Anna.

Sas-snin ħamsin tas-seklu l-ieħor il-kappella kienet qed turi sinjali t' abbandun. Is-saqaf, li kien troll inħatt u floku sar saqaf tal-konkos. Inbnew żewġt-idniefel ma' kull ġenb biex jirfdu l-binja. Kien sar il-madum kif ukoll l-eletriku.

Xi tletin sena wara il-kappella bdiet tintuża għall-quddies kuljum. Għaldaqstant fuq is-sagristija żdiedu kmamar għall-irqad u faċilitajiet sanitarji. Kien hemm ukoll loud-speaker biex isejjaħ lir-residenti tal-Pwales u l-Imbordin fil-ħinijiet tat-talb. Żdiedu wkoll statwa tal-Madonna u San Franġisk qrib il-kappella.

Wara l-2001 bdew jieħdu ħsieb din il-kappella l-ALPS. Din hija għaqda ta' ex-studenti tal-Liċeo. L-ALPS għadha tieħu ħsieb il-kappella u kienu responsabbli, fost affarijiet oħra, għal restawr estensiv u l-installazzjoni ta' qanpiena ġdida. Dawn jieħdu ħsieb jorganizzaw tlett attivitajiet; waħda f' Mejju, waħda lejn nofs Lulju u l-oħra f' Novembru.



Artal maġġur

Il-kappella hi mibnija fuq pjanta kważi kwadra. Illum s-saqaf huwa ċatt tal-konkos. Fuq il-ħitan għad hemm il-korniċun fejn kienu jserrħu l-arkati tas-saqaf troll. Taħt kurċifiss stil modern hemm l-artal dahru mal-ħajt. Quddiemu hemm artal tal-ġebel forma ta' mejda skond ir-rit ta' issa. Fuq il-lemin tal-artal hemm statwa ta' Sant' Anna u San Ġwakkin bil-Madonna. Fuq ix-xellug hemm kwadru tal-1860 impitter minn Dun Ġużepp di Stefano. Dan juri lil Sant' Anna.u San Ġwakkin jgħallmu liċ-ċkejkna Marija. Is-sezzjoni tal-artal qegħda tarġa l-fuq mill-kumplament tal-kappella. Il-kappella mgħammra b' Via Sagra moderna kif ukoll bankijiet tal-injam.



Santa Anna mal-Madonna u San Ġwakkin (1860)
*Dun Giuseppe de Stefano (Attiv Seklu19)*
*Kappella Santa Anna (Tal-Pwales) - San Pawl il-Baħar*

Minn faċċata jidhru kemm il-kappella kif ukoll is-sagristija. Fuq il-bieb tal-kappella hemm gwarniċa u aktar 'l fuq hemm okulus ovali. L- għola parti tal-faċċata tal- kappella hija triangulari u tagħqad f'kampnar. Fuq nett hemm salib. In-naħa tax-xellug jidhru il-bieb tas-saġristija u il-loċċ fuqu. Jidhru ukoll il-kmamar li kienu miżjudin. Fuq iz-zuntier, ħdejn il-bieb tas- sagristija hemm bank żgħir tal-ġebel.

*Ħajr: Ritratti ALPS website, u Ġ Theuma, u punti mill-istorja, Kappellimaltin .com*

